**20 ta' Lulju, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici, LL.D. - President**
**Onor. Joseph D Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A Filletti B.A.,LL.D.,A.R.Hist.S.**

Francis Penza

*versus*

John Mallia

**Imgħaxijiet Kummerċjali - Bżonn ta' Interpellazzjoni għall-ħlas ta' l-Imgħaxijiet - Preskrizzjoni ta' ħames snin - Divjet '*ultra duplum*'**

*F'din il-kawża l-Qorti ta' l-Appell sabet illi f'każ ta' obbligazzjoni li jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien ta' l-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija*

*Ikun hemm użura jekk il-kreditur jitlob penali oltre l-interessi jew inkella jekk jitlob imgħaxijiet li jissuperaw it-tmienja fil-mija fis-sena, imma altrimenti r-regola li tipprojbixxi l-ultra duplum ma tirreferix u ma tapplikax.*

*F'materja kummerċjali l-interessi huma dovuti 'ipso jure' mill-ġurnata li fiha kienet dovuta s-somma in kwistjoni. Dan ifisser illi fil-kamp kummerċjali l-interessi huma aċċessorji għat-talba prinċipali.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija fit-30 ta' Ġunju 1992 fejn ġew milqugħin it-talbiet attriċi u respinti l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, b'dana pero' li l-kap ta' l-ispejjeż kellu jiġi ssopportat nofs bin-nofs;

B'ċitazzjoni ppreżentata quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, l-attur ippremetta illi b'ċitazzjoni ppreżentata fis-17 ta' Awissu 1973 fl-istess ismijiet l-attur talab li l-konvenut iħallsu Lm942 wara li kkompleta xogħol ta' bini għall-konvenut, l-attur kien baqagħlu jieħu bilanċ ta' Lm942 mingħand il-konvenut, liema konvenut kien qed jirrifjuta li jħallsu dan il-bilanċ għaliex fit-30 ta' Diċembru 1971 kien diġà ħallas Lm350 lill-attur '*in settlement*' u ppretenda għalhekk li l-bilanċ ma kienx dovut; Illi b'sentenza tas-6 ta' Mejju 1991 ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kummerċjali, il-konvenut ġie kkundannat iħallas lill-attur s-somma mitluba ta' Lm942; Illi in segwitu għall-imsemmija sentenza l-konvenut ħallas is-sorte u spejjeż tal-kawża msemmija fl-10 ta' Lulju 1991, iżda qiegħed jirrifjuta li jħallas l-interessi kummerċjali lill-attur; Illi fil-kamp kummerċjali l-interessi jiddekorru *ipso jure* mingħajr bżonn ta' interpellazzjoni, minn dak in-nhar li kellu jiġi effettwat il-pagament, u ċjoe', mit-30 ta' Diċembru 1971 sal-10 ta' Lulju 1991 data tal-pagament tas-sorte; Illi l-interessi hekk ikkalkolati jammontaw għal Lm1258.20,1 kif jidher mill-annes prospett; talab din il-Qorti (1) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-interessi kummerċjali fuq is-somma ta' Lm942 mit-30 ta' Diċembru 1971 sal-10 ta' Lulju 1991, u ċjoe' s-somma ta' Lm1258.20,1; bl-ispejjeż kontra l-konvenut, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-1 ta' Novembru, 1991;

Il-konvenut b'nota ta' eċċezzjonijiet eċċepixxa illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi huma infondati kemm fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur, fil-kawża minnu ppreżentata u deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Mejju 1991 ma inkludietx it-talba għall-ħlas ta' imgħax u għalhek l-attur kien irrinunzja għall-ħlas ta' imgħax li seta' kien hemm fuq is-sorte meritu tal-kawża diġà *res judicata*; Illi l-azzjoni hija preskritta a terminu ta' l-artikolu 2156(d) tal-Kapitolu 16; Illi l-konvenut m'għandux ibati l-ispejjeż ta' din il-kawża stante illi l-attur seta' jnaqqas l-ispejjeż ġudizzjarji billi talab il-ħlas ta' imgħax fil-kawża diġà minnu ppreżentata u deċiża; Salvi eċċezzjoni ulterjuri;

Illi bit-30 ta' Lulju, 1992, l-Onorabblli Qorti tal-Kummerċ iddeċidiet billi tirrespinġi bħala infondati l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, ħlief dik dwar il-kap ta' l-ispejjeż, li ġiet milqugħa parzjalment u konsegwentement, laqgħet it-talbiet attriċi. L-ispejjeż għandhom jiġu ssopportati nofs kull wieħed mill-kontendenti;

Il-konvenut permezz ta' nota ppreżentata fit-8 ta' Lulju 1992 interpona umli appell mis-sentenza fuq imsemmija quddiem din l-Onorabbli Qorti;

Illi l-aggravju f'din is-sentenza skond l-appellant jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi u eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenut;

Illi l-Ewwel Qorti rriteniet illi għalkemm l-imgħax jissupera l-kapital, xorta waħda ma jistax jiġi applikat id-divjet *ultra duplum* stante illi hawnhekk si tratta ta' imgħaxijiet kummerċjali;

Il-konvenut jissottometti illi dana mhux korrett u dana peress illi d-divjet *ultra duplum* japplika wkoll għall-artikolu 1139 tal-Kapitolu 16. Infatti sabiex wieħed jeskludi l-effetti tat-divjet *ultra duplum* li hija r-regola, l-liġi għandha teskludiha espressament, ħaġa illi dan l-artikolu fuq ċitat ma jagħmilx. Għaldaqstant, anke fil-kamp kummerċjali l-imgħaxijiet ma jistgħu qatt jissuperaw il-kapital;

Illi in oltre, l-esponent jissottometti illi l-preskrizzjoni ta' ħames snin taħt l-artikolu 2156(d) tal-Kapitolu 16 hija applikabbli wkoll fil-każ odjern stante illi ġaladarba l-attur ma kienx talab il-ħlas ta' imgħaxijiet fl-ewwel kawża xorta waħda kellu permezz ta' att ġudizzjarju, jikser il-preskrizzjoni fil-konfont tagħhom;

Illi anke jekk din l-Onorabbli Qorti taqbel ma' l-Ewwel Qorti fil-fehma illi dawn l-imgħaxijiet huma dovuti bħala danni minħabba inadempjenza da parti tal-konvenut, aktar u aktar kellu l-attur jikser il-preskrizzjoni fuq dawn id-danni konsistenti f'imgħax permezz ta' att ġudizzjarju, ħaġa li qatt ma għamel. L-attur fil-kawża l-oħra kien ikkawtela biss il-kapital u mhux l-imgħaxijiet;

Illi wkoll jekk din l-Onorabbli Qorti tiddeċidi illi l-imgħax juwa kollu dovut, jiġri bħala konsegwenza illi din il-Qorti tkun qiegħda tiddeċidi illi fil-kamp kummerċjali m'hemm ebda preskrizzjoni applikabbli fuq imgħaxijiet;

L-appellant għalhekk talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fid-data tat-30 ta' Ġunju 1992 billi tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellant;

L-appellat oppona għal din it-talba ta' l-appellant;

Il-Qorti ta' l-Appell rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħat it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi tal-kontendenti, u ddeċidiet is-segwenti:-

Illi dwar l-ewwel aggravju ta' l-appellant jiġi rrilevat li quddiem l-ewwel Qorti it-teżi li l-appellant saħaq tant fuqha fil-petizzjoni tiegħu dwar in-norma li tipprojbixxi ħlas ta' interessi in doppju tal-kapital dovut (*ultra duplum*) lanqas biss tiffigura fost l-eċċezzjonijiet tiegħu li ssolleva għalbiex jirribatti t-talbiet ta' l-attur appellat;

Din il-Qorti ma tikkondividix l-argument suespost ta' l-appellant. Il-liġi tagħna difatti ma tistax tkun iktar ċara u espliċita minn dak li tistipula fl-art. 1139 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) u ċjoe'

'jekk l-obbligazzjoni li jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien ta' l-eżekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija';

Ikun hemm użura għalhekk jekk, għall-grazzja ta' l-argument, il-kreditur jitlob penali oltre l-interessi jew inkella jekk jitlob imgħaxijiet li jissuperaw it-tmienja fil-mija fis-sena (ara art. 1852 ta' l-istess Kap.) imma, altrimenti, ir-regola li *tipprojbixxi l-ultra duplum* ma tirreferix, ma tapplikax, u għalhekk wkoll ma tistax tiġi estiża għal obbligazzjonijiet bħal din in kawża meta l-liġi stess tipprovdi xort'oħra;

In-natura ta' 'danni' inerenti f'dawn ix-xorta ta' interessi tant hija netta u mmarkata li fl-art. 1140 tal-Kap 16 insibu wkoll li tali interessi għandhom jitħallsu mingħajr ma jkun jinħtieġ li l-kreditur jipprova li bata xi telf. Illi li kieku l-Qorti kellha taċċetta l-argument ta' l-appellant il-konsegwenza tkun li meta proċediment ta' kawża jieħu tul aktar milli previst biex jiġi determinat allura awtomatikament ikun ifisser li f'każ li l-eżitu jkun sfavorevoli għad-debitur, id-dewmien ikun qiegħed jivvantaġġja u jippremja lilu għaliex l-interessi dovuti in linja ta' danni ma jkunu qatt jistgħu jissuperaw il-kapital u dana meta il-liġi in kwistjoni ma tgħid xejn minn dan u ***quid lex voluit, dixit***;

It-tieni aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini ta' l-art. 2156(d) tal-Kap. 16. Il-Qorti tibda biex tosserva li l-insistenza tal-konvenut appellant li ġaladarba ma kienx hemm talba espressa dwar l-interessi, din l-ommissjoni allura tekwivali għal rinunzja mhijiex iżjed riflesssa bl-istess forza fil-petizzjoni. F'kull każ, din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li ġie ritenut mill-ewwel Qorti li f'materja kummerċjali huwa dovut interessi '*ipso jure*' mill-ġurnata li fiha kienet dovuta s-somma - ara art. 1141 tal-Kap. 16.

Il-lanjanza ta' l-appellant hija li la ġaladarba l-attur ma talabx il-ħlas ta' l-interessi fl-ewwel kawża xorta waħda kellu jikser il-preskrizzjoni b'att ġudizzjarju - ħaġa li qatt m'għamel. Skond l-appellant konvenut, fil-kawża l-oħra l-appellant kien ikkawtela biss il-kapital u mhux l-imgħaxijiet wkoll;

Meta l-liġi stess tispeċifika li l-interessi huma esiġibbli ***ipso jure*** fil-kamp kummerċjali dan ifisser li huma aċċessorji għat-talba prinċipali. Meta l-attur fl-ewwel kawża intavola ċitazzjoni kontra l-konvenut appellant, allura jfisser wkoll li l-preskrizzjoni

nkisret wkoll fir-rigward ta' l-interessi talvolta dovuti. Il-kreditu - l-obbligazzjoni prinċipali - ġie kanonizzat bis-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fis-6 ta' Mejju 1991. Din is-sentenza saret waħda eżekuttiva appena għaddiet in ġudikat u għalhekk kull perjodu ta' preskrizzjoni beda jiddekorri wara s-6 ta' Mejju 1991 u mhux qabel billi l-kreditu kien dovut proprjament fit-30 ta' Diċembru 1971, allura ġustament l-appellat talab interessi minn dak in-nhar sad-data tal-pagament tal-bilanċ dovut bħala kapital, esklużi l-interessi. Dan għalhekk ifisser li l-asserzjoni ta' l-appellant li l-akkoljiment tat-talba ta' l-appellant dwar l-interessi kollha minn din il-Qorti jkun ifisser li (siċ) 'fil-kamp kummerċjali m'hemm ebda preskrizzjoni applikabbli fuq imgħaxijiet' hija waħda bla sens u għal kollox ġratuwita;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti in data tat-30 ta' Ġunju 1992, tiċħad l-appell tal-konvenut appellant bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra tiegħu.